MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 650/2009/1

**Agius Marble Works Limited**

**v.**

**Alfred Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li s-socjeta` attrici pprezentat fit-3 ta' Lulju, 2009, u li jaqra hekk:

"1. Premess illi l-esponenti Nazzareno Aguis huwa direttur tas-socjeta` esponenti u ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` rikorrenti u dan a tenur tal-'Memorandun and Articles of Associaton' tal-istess u jaf personalment il-fatti hawn kontenuti u mahlufa stante illi kien huwa stess li innegozja mal-intimat;

"2. Premess illi s-socjeta` rikorrenti kienet ghall-habta ta' Awwissu tal-2004 avvicinata mill-intimat sabiex tforni u tqieghed xoghol ta' rham, madum tal-qawwi, gebel u materjal iehor gewwa l-kumpless turistiku maghruf bl-isem ta' The Carriage Wheel Complex gewwa Triq ta' l-Ibragg, kantuniera ma' Triq il-Mizura, l-Ibragg;

"3. Premess illi in konnessjoni mal-istess talba s-socjeta` forniet u qieghdet dak li gie lilha indikat mill-intimat u dan skont l-ispecifikazzjonijiet tieghu stess u fl-ebda mument ma kien hemm xi lanjanzi ta' xoghol hazin jew mhux skont dak pattwit;

"4. Premess illi l-valur totali tal-fornita u tqeghid (supply and lay) esegwit mis-socjeta` esponenti ammonta ghall-LM9681.86 (inkluz il-VAT) oltre LM835 ghall-fornitura u tqeghid tal-coping – b'kollox LM10,516.86 ossia Euro24,497.70 (erbgha u ghoxrin elf, erba' mija u sebgha u disghin Euro u sebghin centezmu) u dan skont ma kif jidher mill-anness *request for payment* li ggib id-data tal-24 ta' Gunju, 2005 (DOK NA 1 anness);

"5. Premess ukoll illi kif jirrizulta mill-istess dokument esibit l-intimat kien lejliet l-istess hallas akkont is-somma ta' LM4000 (erbat elef lira maltin) ossia

Euro9317.50 (disat elef tlett mija u sbatax-il euro u hamsin centezmu) sabiex fadal bilanc dovut ta' **<u>Euro15,180.20 (hmistax-il elf, mija u tmenin Euro u ghoxrin centezmu)</u>** liema ammont ghadu dovut sal-lum stante illi l-intimat qed jirrifjuta li jhallas l-istess u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

"6. Premess illi s-socjeta` rikorrenti ipprezentat zewg ittri ufficjali biex tinterpella lill-intimat ghall-hlas u dan fit-3 ta' Marzu, 2009 (notifikata fil-15 ta' April, 2009), fil-11 ta' Novembru, 2006 (notifikata fis-27 ta' Gunju, 2007) izda ciononostante l-intimat baqa' jirrifjuta li jhallas;

"7. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma fadlilha ebda triq ohra ghajr dik li tipprocedi bil-prezenti rikors;

"Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tikkundannah ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' **<u>Euro15,180.20 (hmistax-il elf, mija u tmenin Euro u ghoxrin centezmu)</u>** dovuti kif fuq inghad;

"Bl-ispejjez u d-drittijiet komprizi dawk tal-ittri ufficjali fuq imsemmija u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mid-data tal-fattura tal-24 ta' Gunju, 2005, sal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha gie eccepit:

"1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ix-xoghlijiet li talvolta gew interkorsi fil-fond tar-residenza tal-mittenti, ma gewx interkorsi fil-Carriage Wheel Complex li ilu maghluq ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena imam fid-dar tar-residenza tal-esponenti ossia Anadan Ville, Triq l-Ibragg, Swieqi.

“3. Illi fil-mertu, dawn ix-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u ghadhom mhux kompluti u ma gewx imkejla skont il-Ligi u ghalhekk, l-ammont mitlub ghal dawn ir-ragunijiet ukoll, mhux dovut u l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat ir-risposta ulterjuri tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa ulterjorment:

“(4) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur stante illi talvolta x-xoghlijiet pretizi mir-rikorrent saru lil Masons Co. Ltd. kif jirrizulta mid-dokument a Fol. 39 tal-process.”

Rat li l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza rigwadanti l-ewwel eccezzjoni preliminari (dik tal-preskrizzjoni) u l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Gunju, 2013, li in forza taghha cahdet l-imsemmija eccezzjonijiet, bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi nonostante li d-decizjoni odjerna hi limitata ghaz-zewg kwistjonijiet preliminari fuq gia` indikati, il-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

"1. Illi qabel ma s-socjeta` rikorrenti ezegwiet ix-xoghlijiet meritu tal-procedura odjerna effettwat quotation li kienet giet regolarment accettata mill-istess intimat Vella, (ara fol 25 u fol 50);

"2. Illi fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet in dizamina, l-intimat mhux biss kien ikun prezenti, izda kien ukoll jaghti l-istruzzjonijiet ta' fejn u kif ried isir ix-xoghol hu personalment, (ara fol 26);

"3. Illi jirrizulta li r-relazzjoni bejn l-intimat Vella u l-general manager Agius tas-socjeta` rikorrenti li kien qed jissorvelja x-xoghol ma jirrizultax li kienet felici stante li kull darba li dan ta' l-ahhar talab lill-intimat biex jeffettwa xi hlas, l-intimat kien ghal xi raguni jew ohra, jirrifjuta;

"4. Illi b'hekk is-socjeta` rikorrenti kienet anke kostretta tissospendi x-xoghlijiet li kienu qed jigu ezegwiti;

"5. Illi ghalkemm eventwalment l-intimat effettwa pagament in parte, ta' struzzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti biex xorta wahda tissospendi x-xoghlijiet ghaliex l-intimat ried jikkoncentra fuq progetti ohra li kellu pendenti, (ara fol 28);

"6. Illi ghalkemm l-imsemmi general manager tas-socjeta` rikorrenti kemm–il darba kkuntattja lill-intimat biex ikompli l-appalt de quo, ix-xoghlijiet baqghu ma tkomplewx;

"7. Illi sussegwentement l-istess partijiet ftiehmu li l-intimat ihallas l-ammont li kien ghadu pendenti lis-socjeta` rikorrenti u r-relazzjoni kummercjali ta' bejniethom tieqaf hemm;

"8. Illi ovvjament dan il-ftehim ma giex onorat;

“Ikkunsidrat:

“Illi din is-sentenza hi limitata ghall-epurazzjoni tas-segwenti:

“1. Illi l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu partikolari fuq gia` citat;

“2. Illi x-xoghlijiet in dizamina ma sarux lill-intimat izda lis-socjeta` ndikata fir-risposta ulterjuri ntavolata mill-intimat;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-ewwel li ser tigi sintetikament indirizzati hi t-tieni eccezzjoni, senjatament li l-vertenza odjerna ma tirrigwardax lill-intimat Vella izda lis-socjeta` Masons Company Limited;

“Illi dan qed jigi hekk ritenut mill-intimat ghas-segwenti rizultanzi:

“1. Illi mill-ircevuta li kopja taghha hi prodotta in atti a fol 39 jirrizulta li l-pagament li sar in parte, lis-socjeta` rikorrenti, gie hekk imhallas mis-socjeta` hawn indikata Masons Co. Ltd, u mhux mill-intimat Vella personalment, li l-indirizz taghha jirrizulta li hu proprju l-indirizz tar-residenza ordinarja tal-intimat;

“2. Illi ghalhekk l-intimat qed jissottometti li allura hu estraneu ghan-negozju in dizamina;

“Ikkunsidrat:

“Illi f’ghajnejn din il-qorti dan hu biss attentat goff ta’ frodi da parte tal-intimat u tali agir jimmerita risposta severa ta’ natura kriminali, u dan, sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

“1. Illi l-kuntratt t’appalt originali li ta bidu ghall-esekuzzjoni tax-xoghlijiet li eventwalment saru kien wiehed li kien konkluz verbalment mill-intimat Alfred Vella stess fil-kapacita` tieghu personali stante li f’dak il-mument qatt ma ndika li kien qed jagixxi mod iehor;

“2. Illi di piu`, fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet ezegwiti mill-impjegati tas-socjeta` rikorrenti l-istess Alfred Vella kien ikun assidwament prezenti u kien kostantement jintervjeni biex jaghti direzzjonijiet lill-istess impjegati;

“3. Illi meta l-partijiet iddecidew li jiddesistu mill-obbligi assunti, it-tahdidiet fuq il-modalita` tal-pagament tal-ammont dovut u d-decizjoni jekk jitkompliex ix-xoghol jew le ittiehedet mill-istess Alfred Vella fil-kapacita` personali tieghu;

“4. Illi l-metodologija ta’ kif jigi effettwat pagament ghax-xoghlijiet effettwati hi azzjoni ghal kollox separata, distinta u posterjuri ghall-mument tal-konkluzjoni tal-kuntratt u ghalhekk, bl-ebda mod ma tincidi fuq l-istess;

“5. Ghaldaqstant, ir-risposta ulterjuri tal-intimat fuq riferita qed tigi respinta bl-ispejjez kontra l-intimat Vella;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigwardanti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq riferita, ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

“1. Illi l-artikolu citat mill-intimat, (2148(a) tal-Kap 16), jistabbilixxi s-segwenti:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax –il xahar:

"i. l-azzjonijiet tal-… bennejja, bajjada … u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz tal-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu";

"2. Illi f'dan il-kuntest, id-dati relattivi riskontrati huma ghalhekk importanti u jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segewnti:

"i. Illi l-ewwel "quotation" tax-xoghlijiet moghtija lill-intimat hi datata l-15 ta' Ottubru, 2002, (ara fol 50 u 53 et sequitur);

"ii. Illi ghall-habta ta' Awwissu, 2004, beda jigi ezegwit ix-xoghol involut;

"iii. Illi s-socjeta` rikorrenti pprezentat lill-intimat talba ghall-pagament t'akkont fl-24 ta' Gunju, 2005, (ara fol 51 u 58 et sequitur);

"iv. Illi gew ukoll ipprezentati zewg (2) ittri ufficjali datati l-11 ta' Novembru, 2006, (notifikata s-27 ta' Gunju, 2007), u t-3 ta' Marzu, 2009, (notifikata l-15 t'April, 2009), li bl-ebda mod ma gew kontradetti mill-intimat;

"v. Illi l-procedura odjerna in dizamina giet intavolata fit-3 ta' Lulju, 2009, (u notifikata lill-intimat fis-16 tal-istess xahar, (ara fol 7 a tergo);

"3. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku mill-elenku kronologiku fuq delineat li l-perjodu prefiss mill-artikolu tal-Kap 16 fuq ikkwotat bl-ebda mod ma gie superat;

> "4. Ghaldaqstant, in vista tal-premess l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Vella ma tirrizultax ipprovata u konsegwentement qed tirrespingi din l-istess eccezzjoni bl-ispejjez ukoll kontra l-intimat Alfred Vella;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tirrevoka s-sentenza parzjali tat-13 ta' Gunju 2013 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat appellant u l-eccezzjoni ulterjuri illi x-xoghlijiet pretizi s-socjeta` rikorrenti appellata saru lil Masons Company Limited kif jirrizulta minn Fol. 39 tal-process u ghalhekk l-intimat appellant mhux il-legittimu kontradittur u konsegwentement tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat."

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tikkonferma s-sentenza parzjali appellata tat-13 ta' Gunju, 2013 fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tikkoncerna talba ghall-hlas ta’ bilanc mill-prezz tal-fornitura u t-tqeghid ta’ rham fl-istabbiliment tal-konvenut.  Il-konvenut in linea preliminari eccepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili (tmintax-il xahar) u li hu mhux il-legittimu kontradittur.  Dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew michuda mill-ewwel Qorti, izda l-konvenut appella u baqa’ jsostni l-posizzjoni tieghu kif esposti fl-imsemmija zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari.

Illi trattat dan l-appell, din il-Qorti tqis l-istess totalment frivolu u vessatorju u intenzjonat biss li jtawwal il-process gudizzjarju.  Trattat l-ewwel l-ilment marbut ma’ min hu l-legittimu kontradittur, din il-Qorti tinnota li meta l-konvenut ressaq l-eccezzjonijiet tieghu originali ma ssollevax dan il-punt, u kien biss tlett snin wara li “ntebah” li mhux hu kien li innegozja mas-socjeta` attrici izda kumpanija tieghu.

F’dan il-kaz, inoltre, mill-provi jirrizulta li kien il-konvenut personalment li innegozja mas-socjeta` attrici fuq l-appalt moghti lilha, u f’ebda stadju ma indika li hu kien qed jagixxi f’isem kumpanija.  Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Blye Engineering Co. Ltd. v. Fenech**, deciza fil-31 ta’ Jannar, 2011:

> “*Normalment persuna tikkontratta ghaliha nnifisha, sakemm ma tindikax li qeghda tikkontratta f’isem haddiehor jew ma tindikahx hekk espressament.  Il-kontraent l-iehor ikun ragjonevolment jaf ghalhekk li l-parti l-ohra qed*

*jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni.*

*"… … … Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontraent l-iehor (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell* ***E. Borg et noe v. R. Schembri*** *tat-28 ta' Mejju 1973).*"

Hekk ukoll, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Martinelli v. Sullivan Shipping Agencies Ltd.**, deciza fit-23 ta' Marzu, 2009, osservat illi:

"*Hu imperattiv li, f'negozju ta' natura kummercjali, il-partijiet ghall-istess negozju jkunu ben konsapevoli tal-vesti li fiha jkunu qed jagixxu l-partijiet l-ohra ghall-istess negozju. Kull parti ghandha tistabbilixxi kjarament u inekwivokabbilment mal-partijiet l-ohra kollha f'liema vesti tkun qed tagixxi.*"

F'dan il-kaz, kif inghad, kien il-konvenut personalment li ha hsieb in-negozjati mas-socjeta` attrici u ftehmu ghal dak li kellu jsir. Il-fatt li meta ghamel pagament akkont ghamel uzu minn *cheque* tal-kumpanija tieghu (li ghandha l-indirizz registrat taghha fir-residenza tal-konvenut) ma jfissirx li l-ftehim sar ma' dik is-socjeta`. Terz jista' jhallas ghal debitur tal-obbligazzjoni, u l-kreditur ma jistax jirrifjuta tali hlas. La darba l-hlas sar mis-socjeta`, l-ircevuta kellha tinhareg fuq min ghamel il-hlas, pero`, ircevuta hija biss prova tal-hlas u mhux tal-obbligazzjoni.

Il-konvenut jipprova juri li s-socjeta` attrici kienet taf li kien hemm socjeta` involuta ghax ix-xoghol kellu jsir f'The Carriage Wheel Complex. Il-konvenut

donnu nesa’ li fl-eccezzjonijiet originali eccepixxa li x-xoghlijiet ma sarux f’dan il-kumpless li “ilu maghluq ghall-ahhar ghoxrin sena”. Inoltre, mistoqsi jekk ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta` attrici sarux fid-dar tieghu, il-konvenut wiegeb “*Iva, dawn saru fid-dar tieghi*”. Il-konvenut qed jabbuza mill-pacenzja li trid turi l-Qorti f’kull kawza, u dan se jkun rifless fil-*capo spese*.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jirrizulta li x-xoghol beda ghall-habta ta’ Awwissu, 2004, saret talba ghall-hlas ta’ pagament akkont f’Gunju tal-2005, sar hlas akkont, u saru zewg ittri ufficjali fil-11 ta’ Novembru, 2006, u fit-3 ta’ Marzu, 2009, it-tnejn debitament notifikati lill-konvenut debitur tal-obbligazzjoni. Fir-rigward il-konvenut jghid biss li s-socjeta` tieghu qatt ma giet interpellata ghall-hlas, pero`, kif rajna d-debitur huwa l-konvenut mhux xi socjeta` tieghu, u allura n-nuqqas ta’ notifika lis-socjeta` hu irrilevanti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti; bl-ispejjez kollha tal-kawza sa issa jithallsu mill-konvenut appellant, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-Paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta’ elf euro (€1000) lir-Registratur tal-Qrati.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------